# Beati u Qaddisin...Novembru

## It-Tifkira tal-Mejtin kollha. 2 ta' Novembru

Sakemm il-Mulej Gesu' jigi fil-glorja tieghu, tinqred il-mewt u kollox jigi taht is-setgha tieghu, xi uhud mid-dixxipli tieghu huma pellegrini fuq din l-art, ohrajn li ghaddew minn din il-hajja ghal ohra qed jissaffew minn xi htijiet li kienu mtabba' maghhom meta ghaddew ghal hajja l-ohra u ohrajn qed igawdu fil-glorja dejjiema lil Alla Sid ta' kollox u ta' kulhadd. L-ghan ta' kull settur



huwa wiehed: l-imhabba lejn Alla. L-ghaqda ta' dawk il-pellegrini hawn fid-dinja ma' dawk huthom mejta ma tinkisirx izda tissahhah permezz ta' opri spiritwali. Il-knisja sa mill-ewwel zmienjiet kienet tghozz b'imhabba kbira t-tifkira tal-mejtin gheziez taghna u kienet toffri sufragi ghalihom. Huma li kienu saru membri ta' Kristu Msallab u Rxoxt permezz tal-Maghmudija, tghaqqadhom fic-celebrazzjoni tal-misteru ta' l-Ghid sabiex jghaddu mill-aktar fiss mieghu ghall-hajja bla tmiem. Hija domma ta' fidi li l-erwieh ta' dawk li telqghu qabilna ikun sufragati bit-talb tal-fidili hawn

fid-dinja. Li titlob ghall-mejtin huwa att ta' karita', certament obbligatorju ghan-nisrani li jipprofessa l-imhabba lejn il-proxxmu. Meta nitolbu ghall-mejtin taghna zgur li nkunu qed naghmlu hbieb ghalina fis-sema ghaliex dawn jitolbu ghalina.

Niftakru li jum wiehed ahna lkoll nidhlu fit-tribnal ta' l-Imhallef Gust biex inkunu gudikati ghal ghemejjel taghna. Imberkin ahna jekk isibna bid-dawl f'idejna ghax nimmeritaw il-premju etern mhux ghall-hila tghan izda ghall-merti tal-Feddej taghna Gesu' Kristu ikisbilna l-fidwa taghna. Izda minhabba d-difetti taghna ikun jehtigilna li nghaddu mill-piena tal-purgatorju. Kemm inkunu nixtiequ li xi hadd jissufragana biex infittxu mmorru ngawdu lil Dak li minghajru ma nistghux nghaddu.

Ghalhekk tkun spiss fuq fommna din it-talba: AghtihomO Mulej il-mistrieh ta' dejjem id-dawl ta' dejjem jiddi lilhom jistriehu fil-paci HekkIkun.